MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1691/2001/1

**Simone Gauci ezercenti l-kummerc**
**taht l-isem ta' Capri**

**Vs**

**Robert Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attrici talbet il-hlas ta' Lm1,222.10c (elf u mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi) rapprezentanti bilanc ta' prezz wara bejgh u kkonsenja ta' merkanzija.

Ra li l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju sostna li "kwalsiasi ammont li kien dovut lill-attrici diga thallas".

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li bl-ittra datata 10 ta' Settembru, 2001 l-attrici talbet il-hlas ta' Lm1,222.10c (elf u mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi) rapprezenanti l-ammont douvt in konnessjoni ma' Invoice datata 9 ta' Novembru, 1995.

Il-konvenut qal li minn 1995 qatt ma ircieva xi att gudizzjarju in konnessjoni ma' xi ammont li kellu jhallas. L-attrici kelmitu fil-2001 u dak il-hin il-konvenut qal li rrisponda li kien impossibli li minn 1995 ma kienx thallas dan l-invoice.

Il-konvenut ikkonferma bil-gurament li kien jixtri 'wholesale' minn ghand l-attrici imbaghad ibiegh fil-hanut tieghu. Il-konvenut ikkonferma wkoll li kien jaghmel pagamenti akkont tal-ammont dovut lill-attrici.
L-attrici xehdet li ma tafx jekk wara 1995 ghamlet iktar konsenji lil konvenut u qatt ma baghtet ittra ufficjali. Fl-ahhar hames snin hi marret diversi drabi ghand il-konvenut u dan kien jirrispondiha bil-kliem : "hu pacenzja bhal issa qieghed imsallab" u "issa ghandi problemi bit-tifel issa ma nistax".

L-attrici qalet li fis-6 ta' Jannar, 1998 il-konvenut ghamel pagamenti in konnessjoni ma' Invoice no. 01378. L-attrici kkonfermat li l-kawza prezenti hi dwar l-Invoice datata 9 ta' Novembru, 1995.

Illi jirrizulta li l-bejgh kien "wholesale" u mhux bejgh "retail".

Illi t-Tribunal ma jistax jissolleva eccezzjoni jew jezamina eccezzjoni ta' preskrizzjoni ex officio.

Illi l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili japplika biss ghal bejgh "retail".

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra li l-konvenut eccepixxa l-pagament. Illi l-konvenut kellu jipprova l-pagament. Illi jirrizulta li ma hemmx prova tal-pagament. Illi kieku kien sar il-pagament il-konvenut ma kienx jirrispondi l-attrici bil-kliem –“ mhux ghal issa ghax imsallab”.

Ghaldaqstant, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifka tal-Avviz (12 ta’ Dicembru, 2001).

--------------------------------TMIEM--------------------------------